KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA - LIVELL PRIMARJU

Frar 2015

Il-Ħames Sena | IL-MALTI | Il-Ħin: Siegħa u Kwart

(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba)

L-Isem u l-Kunjom: ___________________________ Il-Klassi: ________

| Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |



**Għall-istudent/a**

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek u kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

**IL-FEHIM MILL-QARI** **(30 marka)**

**A. Aqra din l-informazzjoni dwar il-kelb Gerfex.**



Gerfex kien kelb imdaqqas ta' razza mħallta. Kien sab ruħu għand il-familja ta' Roderick bla ħsieb ta' xejn. Il-papa` kien sabu jiġġerra barra qrib il-post tax-xogħol, għamel ħbieb miegħu u ħadu d-dar biex irabbih. Kien ta' lewn kannella ċar u kellu xagħru twil u mġiegħed, aktarx maħmuġ għax kien iħobb jitmiegħek mal-art. Il-papa`, għalhekk, kien semmieh *Gerfex*, iżda seta' laqqmu *il-Qalil*! Il-kelb ukoll kien imqareb f'dik id-dar!

* * *

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-informazzjoni li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**. (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Gerfex kien kelb ta' razza pura. | ___________ |
| b. | Il-kelb ma tantx kien iħobb iżomm ruħu nadif. | ___________ |

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✔ fil-kaxxa tal-lemin. (2 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Missier Roderick kien sab il-kelb | qrib id-dar tagħhom. | |
| | | qrib il-post tax-xogħol. | |
| | | mill-ħanut tal-annimali. | |
| b. | Fid-dar ta' Roderick | ħadd ma kien imqareb. | |
| | | il-kelb biss kien imqareb. | |
| | | kulħadd kien imqareb. | |

3. Mill-informazzjoni mogħtija, sib u ikteb is-sentenza li turi li l-familja ta' Roderick ma kinux qed jippjanaw li jġibu kelb. (marka)

______________________________________________________________

4. Taħseb li missier Roderick kien iħobbhom il-klieb? Għaliex taħseb hekk? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. Imla l-vojt. (3 marki)

a. Il-kulur ta' Gerfex kien ______________.

b. Billi kien iħobb joqgħod mal-art, il-kelb kien ikun spiss ______________.

c. Gerfex kien kelb imdaqqas, jiġifieri kien ta' daqs ______________.

## B. Aqra l-istorja, **Il-Pupi tat-Tewmin**



Roderick kellu żewġ ħutu bniet iżgħar minnu. Kienu tewmin ta' seba' snin, jixxiebhu fula maqsuma u jisimhom Doriana u Tiziana. Ma kinux imqarbin daqsu, iżda lanqas ma kienu jagħmlulu għajb. U meta Roderick kien ikollu burdata li jinbixhom ma kinux iħalluhielu ħelwa għal melħa. *(par. 1)*

Fil-Milied ta' qabel in-Nanna Antonia kienet tathom pupa kulwieħed u, biex żgur ma jiġġildux bejniethom, kienet għażlithomlhom eżatt bħal xulxin, fula maqsuma huma wkoll. Iżda dan, xi kultant, kien iktar iqanqal ġlied għax, meta tintilef xi waħda mill-pupi, kemm Doriana kif ukoll Tiziana kienu jsostnu li dik li jkun fadal kienet tkun il-pupa tagħhom. U billi l-pupi kienu bħal xulxin, ħadd ma kien ikun jista' jgħid min mit-tewmin kellu raġun. *(par. 2)*

Dan l-aħħar intilfet waħda mill-pupi u, wara ħafna tiftix u stħarriġ, il-mama` sabitha f'rokna fil-ġnien. Kienet f'sura tal-biki. Kellha rasha maqlugħa minn postha, il-libsa mqattgħa u maħmuġa bil-ħamrija, u id u sieq minnhom imgiddmin u mtaqqbin. *(par. 3)*

"Din biċċa xogħol oħra ta' dak l-imgħarraq ta' kelb!" qalet b'rabja l-omm bil-fdal tal-pupa f'idha. "Kollu tort tagħkom! Ili ngħidilkom biex ma tħallux il-pupi fejn isibhom hu. Araw din kif spiċċat taħt snienu . . . Gerrimha u giddimha bħallikieku kienet xi għadma taċ-ċanga! Issa jkollkom tilagħbu t-tnejn bil-pupa li fadal . . . U ara ma tiġġildux, eh!" *(par. 4)*



Imma lanqas laħqet spiċċat il-kelma l-mama` li t-tewmin ma ġrewx it-tnejn għall-pupa s-sħiħa li kienet mitluqa fuq is-sufan. Doriana bdiet tgħid li dik kienet tagħha u Tiziana bdiet issostni l-istess ħaġa. U spiċċaw it-tnejn jaħtfuha minn idejn xulxin f'tilwima li kienet dejjem tisħon. *(par. 5)*

Għal dak l-istorbju kollu, il-kelb Gerfex, li kien rieqed taħt il-mejda, fetaħ għajnejh beraħ u waqqaf widnejh. Meta ra t-tewmin jissieltu għall-pupa u jaħtfuha minn id għal id, Gerfex ħaseb li dik kienet xi logħba sabiħa u **waħħalha f'rasu** li jidħol jilgħab magħhom hu wkoll. Għall-ewwel beda jżebbeġ għajnejh lejhom, imbagħad qam jinbaħ u jdur magħhom, u fl-aħħar ħataf il-pupa minn idejhom u telaq jiġri biha mad-dar kollha . . . bit-tewmin u l-mama` jiġru warajh biex jerġgħu jeħduhielu minn bejn snienu. *(par. 6)*

Dak il-ħin inzerta Roderick dieħel id-dar minn barra, u hekk kif fetaħ il-bieb Gerfex kien pront sġiċċa 'l barra bil-pupa f'ħalqu biex ikompli l-logħba fit-triq! Roderick għall-ewwel inħasad, iżda mbagħad intebaħ x'kien ġara u rħielha jiġri wara l-kelb biex forsi jaqbdu. **Iżda kienet eħfef li taqbad ir-riħ milli lil Gerfex!** Beda jserrep bejn in-nies u jdur il-kantunieri sakemm Roderick qata' nifsu u kellu jieqaf. Lill-kelb ma rahx iktar b'għajnejh u kellu jerġa' lura d-dar b'xiber imnieħer. *(par. 7)*

(addattata minn *L-Avventuri ta' Roderick u Gridoro* ta' Carmel G. Cauchi)

**Wieġeb il-mistoqsijiet. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Agħmel sing taħt it-tajba: (2 marki)

a. Meta Roderick kien jinbex lit-tewmin, huma kienu:

ipattuhielu, jibżgħu minnu, jaħfrulu.

b. L-espressjoni **waħħalha f'rasu** (par. 6) tfisser:

ma riedx, weħlet ma' rasu, iddeċieda.

2. Min kien ta l-pupi lit-tewmin? Meta? (2 marki)

__________________________________________________

__________________________________________________

3. Il-pupi kienu differenti minn xulxin? Kif taf? (2 marki)

__________________________________________________

__________________________________________________

4. Semmi żewġ affarijiet ħżiena li kellha l-pupa meta sabitha l-mama\` fil-ġnien. (2 marki)

a. ______________________________________________

b. ______________________________________________

5. Lil min tat it-tort il-mama' għal dak li kien ġara lill-pupa? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

6. Imla l-vojt **b'kelma waħda** skont is-silta: (2 marki)

a. Il-kelb gerrem u gidem il-pupa bħallikieku kienet xi ____________.

b. It-tewmin ____________ it-tnejn għall-pupa s-sħiħa li kien fadal.

7. X'ħaseb Gerfex xħin ra t-tewmin jissieltu għall-pupa u x'ried jagħmel hu wkoll? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

8. X'tifhem biha s-sentenza: **Iżda kienet eħfef li taqbad ir-riħ milli lil Gerfex!** (par. 7)? (2 marki)

______________________________________________

9. X'tagħlima taħseb li ħadu t-tewmin meta raw li l-kelb kien ħarab bil-pupa? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

10. Agħmel sing taħt it-tajba:

Roderick (irnexxielu, ma rnexxilux) jaqbad lill-kelb u kellu jerġa' lura d-dar (b'xiber imnieħer, b'għajnejh magħluqa). (2 marki)

## IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA (10 marki)

1. Imla l-vojt bl-IMPERATTIV (il-Kmand) **singular jew plural** kif meħtieġ. Ara l-eżempji:

| | ID-DAR<br>**Ommok qed tgħidlek:** | | FIL-KLASSI<br>**L-għalliema qed tgħidilkom:** |
|---|---|---|---|
| eż. | ___*Aħsel*___ idejk. (ħasel) | eż. | ___*Iktbu*___ isimkom. (kiteb) |
| a. | __________ il-ħalib. (xorob) | c. | __________ l-ktieb. (ħareġ) |
| b. | __________ il-lazz. (qafel) | d. | __________ ftit lura. (resaq) |

(4 marki)

2. Imla l-vojt bis-SUPERLATTIV ASSOLUT. Ara l-eżempju:



Ilbieraħ mort nixtri xirja għal ommi. Xħin kont għand tal-ħanut waqqgħuli l-flus tal-portmoni kollha fl-art u jien sirt ħamra ___*nar*___ bil-mistħija. Ix-xirja kienet kbira u l-basket kien tqil ____________. Biex tkompli tagħqad, mat-triq iltqajt ma' kelb iswed ____________ li ma riedx iħallini bi kwieti. Wasalt id-dar għarqana ____________ u tlajt dritt norqod.

(3 marki)

3. Imla l-vojt skont kif mitlub fl-aħħar kolonna. Ara l-eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| eż. | Qabel ninżlu ___*isfel*___ nitfu d-dawl. | Il-**maqlub** ta' <u>fuq.</u> |
| a. | Kemm inħobb nisma' dawn _________stejjer! | Daħħal l-**artiklu**. |
| b. | Hawn Malta nsibu ħafna ______________. | Il-**plural** ta' <u>knisja.</u> |
| ċ. | Illum ______________ ikel tas-soltu. | In-**negattiv** ta' <u>kilna</u>. |

(3 marki)

**B. Il-Kitba ta' Djalogu** **(3 marki)**

Immaġina li Roderick għadu qed ifittex lil Gerfex u jinsab inkwetat ferm. Waqt li kien miexi lejn il-pjazza ltaqa' mal-ħabib tiegħu James u waqfu jitkellmu. Kompli dan id-djalogu ta' bejniethom.

| | |
|---|---|
| **James:** | Ara Roderick! X'minnek? Kemm tidher inkwetat! |
| **Roderick:** | ________________________________________<br>________________________________________ |
| **James:** | Dan x'fettillu ħarab? |
| **Roderick:** | ________________________________________<br>________________________________________<br>________________________________________ |
| **James:** | U le, toqgħodx taħseb fil-ħażin. Issa tara kif jerġa' lura dalwaqt. Jekk nista' ngħinek f'xi ħaġa, ċempilli. |
| **Roderick:** | ________________________________________<br>________________________________________ |



## Ċ. Il-kitba ta' storja qasira

**Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u ikteb bejn 100 u 150 kelma fuqha.**



**1. Praspura minn tiegħi**

Mort tivvinta li tagħmel xi ħaġa li biha ħloqt il-problemi għalik u għal ħaddieħor.

*X'ivvintajt li tagħmel? Xi problemi nħolqu? Għaliex? Ħadt xi tagħlima?*

**JEW**



**2. Premju li qlajt**

Għamilt xi ħaġa li veru ta' min ifaħħarha u spiċċajt biex qlajt premju.

*X'kien dak li għamilt? Kif ħassejtek? X'kien il-premju? Ħadt xi tagħlima?*

Ċ.1 Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.

Storja ________ (Ikteb 1 *jew* 2)

(2 marki)

Ċ.2 Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt. (15-il marka)

L-istorja għandha tkun bejn 100 u 150 KELMA. Aqsam il-kitba tiegħek f'PARAGRAFI.

TMIEM IL-KARTA